MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

**STQARRIJA GĦALL- MIDJA**

**ARM ASSET BACKED SECURITIES S.A. [“ARM”]**

1. L-Awtorita’ għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta [“MFSA”] tirreferi lill-pubbliku għal stqarrija maħruġa fil-15 ta’ Jannar 2013, minn Enrst & Young, is-Supervisory Commissioner maħtur mill-Qorti Distrettwali ta’ Lussemburgu f’Novembru 2011. Din l-istqarrija tagħti lill-pubbliku aktar informazzjoni rigward id-dikjarazzjoni maħruga minn ARM fis-16 ta’ Novembru 2012 fuq il-Borża tal-Irlanda dwar il-bejgħ ta’ “life settlement policies” lill-kumpannija Financial Credit Investment Limited [“FCIL”].

Il-komunikat jista’ jinqara minn din il-link:

http://www.ey.com/LU/en/Newsroom/News-releases/release_20130115_ARM-Asset-Backed-Securities

F’din l-istqarrija, is- Supervisory Commissioner ifakkar lill-investituri li hu mhux f’posizzjoni li jikkomunika direttament mal-investituri fuq iċ-ċirkustanzi personali tagħhom, peress li l-Bord tad-Diretturi u l-management tal-ARM għadhom fil-kariga. Kull domanda mill-investituri għandha ssir lill-Bord tal-ARM.

Fis-26 ta’ Novembru 2012, E&Y fil-kapaċitá tiegħu ta’ Supervisory Commissioner talab lil Bord tad-Diretturi ta’ ARM biex :

[**1**] jipprepara “*interim financial statements*” tal-kumpannija li jinkludu t-tranżazzjoni ta’ FCIL kif ukoll il-valur tal-outstanding bonds u

[**2**] jipprepara dikjarazzjoni fuq is-sitwazzjoni ta’ kull investitur individwali wara li ssir it-tranżazzjoni tal- FCIL

Rigward il- “*pending monies*” u l- “*pending investors*”, l-Awtorita’ għas-Servizzi Finanzjarji ta’ l-Ingilterra [“FSA”], għamlet “*freezing order*” fuq dawk il-fondi sakemm jiġi ddeterminat jekk dawn il-flus jappartjenux lill-investituri jew lill-ARM. L-FSA talbet ukoll li ARM ġġib opinjoni legali biex tissustanzja l-posizzjoni li ħadet ARM li dawk il-flus jappartjenu lill-ARM. Din l-opinjoni legali għadha ma ntbagħtitx la lill-E&Y u lanqas lill-FSA.

2. L-MFSA tirreferi għall-petizzjoni mtellgħa mil-ARM kontra l-Commission de Surveillance du Secteur Financier [“CSSF”] quddiem il-qorti amministrattiv prim’istanza tal-Lussemburgu. Fit-12 ta’ Diċembru 2012, is-CSSF infurmat lill-investituri li t-tribunal amministrattiv tal-Lussemburgu iddikjarat li l-petizzjoni mtella’ minn ARM quddiem il-qorti amministrattiv prim’istanza tal-Lussemburgu hija nfundata. Fl-istqarrija għall-midja, is-CSSF stqarret li d-deċiżjoni meħuda mill-qorti amministrattiv prim’istanza tal-Lussemburgu ma taffettwax ir-rwol tas-Supervisory Commissioner. Is-superviżjoni tal-pagamenti mħallsin minn ARM u l-projbizzjoni fuq ARM li tieħu kull miżura ħlief dik li tipproteġi, sakemm tiġi awtorizzata minn E&Y, għadha tapplika. Din l-istqarrija tista’ tinqara minn din il-link:
http://www.cssf.lu/fileadmin/files/Publications/Communiques/Communiques_2012/CP_1250_ARM_121212.pdf

**Communications Unit**
**Awtoritá Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**17 ta’ Jannar, 2013**
**Ref: MFSA MR 02/2013**